MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 121/2013

**F. Advertising Limited**

**vs**

**Andrew Bugeja**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €4997 rapprezentanti ammont dovut minnu in konnessjoni ma servizzi debitament rezi fuq inkarigu tieghu ai termini ta’ skrittura privata ffirmata minnu u datata 7 ta’ Lulju, 2010.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat mar-rikors promotur u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2015 u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-14 ta’ Lulju, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ erbat elef disa’ mija u seba’ u disghin Euro (€4997), bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------